MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-7 ta' April, 2006

Talba Numru. 347/2004

**Atlas Insurance Limited bhala rapprezentanti tas-socjeta estera AXA Insurance plc surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha F.M. Environmental (Malta) Limited**
**Vs**
**Coronato Galea**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta Frar 2004, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ sitt mija disgha u disghin lira tnejn u erbghin centezmu (Lm699.42) rapprezentanti valur ta danni zborsati favur l-assikurat taghha per konsegwenza ta incident stradali li sehh fit-13 ta Mejju 2003 meta l-konvenut kien qed jiriversja minn gewwa garage bil-vettura AAV 824 ghal go trieq b’manjiera imprudenti u l-assikurat tas-socjeta attrici li kien qed isuq il-vettura numru WRT 911 spicca habat

f’zewg vetturi parkeggjati biex jevitah u ghal liema ncident ghalhekk il-konvenut kien unikament responsabbli.
Bl-ispejjes ta l-ittra ufficcjali tad-9 ta Lulju 2003 u bl-imghax legali b’effett mid-9 ta Lulju 2003 sal-pagament effettiv.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fl-4 ta Marzu 2004 fejn ikkontesta r-responsabbilita tal-incident u jallega li l-incident sehh minhabba speed eccessiv u nuqqas ta proper look out da parti tal-assikurat oltre li l-ammont mitlub kien ezagerat.

Ra x-xhieda u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidra;

Illi s-surgent PS 679 inkarigat minn dan l-incident ighid li naqas li jiehu l-verzjoni tal-konvenut u jimmarka l-vettura tieghu fuq l-skizz peress illi l-karozza tieghu ma kinietx involuta fl-incident. Jaf biss li gie rappurtat lilu li fil-mument tal-incident huwa kien hiereg mill-garage tieghu, pero anqas ma jaf jekk bil-quddiem jew b’lura. Mill-iskizz esebit Dok SC1 jidher lil-vettura tal-assikurat halliet warajha 14.70 metri brake marks qabel ma habtet go zewg vetturi parkeggjati. Hemm indikat ukoll il-garage tal-konvenut li jinsab kwazi ezatt fejn jibdew dawn il-brake marks. Fl-istess rapport hemm rapportat il-verzjoni moghtija mis-sewwieq tal-assikurat li qal li waqt li kien ghaddej fit-trieq lemah lill-konvenut hiereg mill-garage tieghu u biex jevitah gibed lejn naha u applika l-brakes bil-konsegwenza li l-vettura tieghu baqghet titkaxkar fuq iz-zrar (gravel earth) sakemm spicca jahbat go zewg vetturi parkeggjati.

Jigi hawn notat li ghalkemm il-brake marks li halla l-assikurat jindika speed mhux eccessiv ghall-inhawi in kwistjoni partikolarment meta tqis li wixx l-art kienet gravel earth, pero jinghad ukoll li l-fatt li l-art kienet ta din in-natura titfa piz aktar fuq l-istess sewwieq biex juza aktar prudenza fis-sewqan tieghu. Di fatti fix-xhieda tieghu Debattista jghid li metas hariglu l-konvenut hu kien tiela t-telgha u ma kellux ghalfejn ghalhekk ighafas il-brakes. Pero li gara kien li huwa gibed lejn naha biex javita lill-

konvenut u bil-konsegwenza ta tali manuvra l-vettura tieghu skiddjat fuq iz-zrar u kien ghalhekk u biss f'dan il-mument li huwa ghafas il-brakes bil-konsegwenza li baqa jiskiddja fuq il-vetturi pparkeggjati. In kontro-ezami jghid li l-vettura tieghu hadet it-trajjettorja in ezami peress illi a) ghamel manuvra biex jevita l-konvenut b) ghamel tali manuvra u mess il-brakes waqt li l-vettura tieghu kienet fuq iz-zrar c) l-vettura bbendjat minn-naha ghall-ohra peress li kienet mghobbija. Ta min jinnota wkoll li l-assikurat fil-fatt kien rah lill-konvenut hiereg minn gewwa l-garage tieghu minn zmien qabel u kwindi mhux il-kaz li hariglu f'daqqa. Hasdu biss ghax baqa hiereg minn fuq il-bankina ghat-trieq b'kollox.

Illi l-lokalita in kwistjoni u l-posizzjoni tal-garage involut jidher car hafna fir rirtratt esebit mill-konvenut Dok CG1. Il-konvenut fix-xhieda tieghu ighid li huwa kien hiereg 'il barra mil-garage tieghu bir-reverse. Kellu vizwali tajba tat-trieq ghax il-bankina wiesgha. Hekk kif hareg mill-garage u kien ghadu fuq il-bankina huwa lemah il-vettura tal-assikurat gejja mill-boghod hafna b'velocita eccessiva. L-vettura tieghu zamma mhux aktar il-barra mill-vetturi pparkeggjati u kkalkola li l-assikurat seta jghaddi liberament. Dan jikkonfermah anke meta mistoqsi in kontro-ezami. Difatti l-assikurat ghaddieh u hekk kif tbieghdet minnu xi 15 il-pied, sema hoss ta brake u lemah din il-vettura titkaxkar u tahbat ma vettura ohra parkeggjata.

Tali verzjoni da parti tal-konvenut dan it-Tribunal isibha korroborata mill-fatt illi il-brake marks tal-assikurat fil-fatt jibdew wara li skorra l-garage tieghu u ghalhekk ma jistax ikun li l-assikurat ghamel il-manuvra biex jevitah hekk kif resaq lejn il-bokka tal-garage. Li gara x'aktarx kien li l-assikurat ra lill-konvenut wieqaf bejn il-vetturi pparkegjati, hasbu li kien ser jispunta l-barra u kien f'dan il-mument u cioe hekk kif skorrieh li ghamel il-manuvra istantanea biex jevitah – u peress illi huwa kien tiela bi speed mhux prudenti ghal dawk l-inhawi (ghalkemm mhux teknikament eccessiv) stante li frekwentata minn vetturi kbar – kien hemm karozzi pparkeggjati fuq iz-zewg nahat tat-trieq u

kien hemm iz-zrar mal-art, dan tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u skiddja.

Illi ghalkemm il-konvenut kellu l-oneru li jzomm proper look out hu u jirriversja minn gol garage tieghu u f'kaz ta vizwali hazina kellu l-obbligu li jqabbad lil xi hadd jaralu, ma jidhirx li dan kien il-kaz in ezami. Fil-fatt jidher li l-konvenut zamm il-proper look out mehtieg minnu tant li lill-assikurat rah gej mill-boghod u hu waqqaf il-vettura tieghu bejn il-karozzi pparkeggjati minnghajr qatt ma sporga l-barra fit-trieq. Ma hemm xejn fil-process li jindika mprudenza da parti tal-istess konvenut jew li tattakka l-verzjoni tieghu. It-Tribunal jemmen li l-assikurat ghamel il-manuvra li waslitu biex jiskiddja mhux minnhabba li l-konvenut holoqlu sudden emergency izda il-ghaliex huwa stess ma kienx prudenti bizzejjed fis-sewqan tieghu u dana b'referenza ghaz-zona partikolari fejn huwa kien qed isuq – ghat-tip ta art fuq hiex kien qed isuq – ghall-ispeed li kien ghaddej bih (40-50 km/hr) – u ghall-fatt li l-vettura tieghu kienet mghobbija u kwindi taghmilha aktar difficli biex tikkontrollha f'kaz li triq taghmel manuvra f'daqqa ta evazjoni partikolarment b'dak l-ispeed kif gara fil-kaz in ezami.

Ghaldaqstant It-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-konvenut Coronato Galea ma jahti xejn ghall-incident stradali meritu tal-kawza odjerna, jilqa ghalhekk l-eccezzjonijiet kollha tieghu u kwindi qed jirrespingi t-talbiet tas-socjeta attrici bl-ispejjes ta din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-istess socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------